# TRIBUNAL IDUSTRIJALI

# DECIZJONI Nru. 2500

**Kaz Nru. 2969/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Owen Schembri**
**u**
**Nylon Knitting Ltd (C 401)**
**(dwar tkeccija mill-impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) moghtija nhar l-Erbhga 27 ta' Jannar, 2016 mill-Onor. Imhallef Anthony Ellul, fl-Appell Numru 2/14AE dwar il-Kaz Owen Schembri vs Nylon Knitting Limited (C 401).**

**Fis-Sentenza tieghu l-Onor. Imhallef Anthony Ellul irrefera ghad-Decizjoni Nru. 2266 datata 28 ta' Jannar, 2014 moghtija mit-Tribunal Industrijali fejn ir-rikorrent appella minn din id-Decizjoni u talab lil Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sabiex tvarja d-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali billi, fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu gie dikjarat li t-tkeccija mill-impieg kienet ingusta, thassar dik il-parti li biha t-Tribunal Industrijali llikwida s-somma ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) bhala kumpens dovut lir-rikorrent u minflok tillikwida kumpens li jirrifletti dawk il-fatturi kollha stabbiliti fl-artikolu 81(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lis-Socjeta appellata thallas tali kumpens hekk likwidat lill-appellanti.**

**Fis-Sentenza tieghu, L-Onor. Imhallef Anthony Ellul ghamel riferenza ghall-Att ta' l-2002 Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali Artiklu 81 (2) fejn artiklu (a) jghid " f'kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifka biex jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi impjegat, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi impjegat kif inqal qabel, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment, rigward it-tkeccija :**

**Izda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie imkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluzi l-eta' u s-snajja**

**tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-haddiem".**

**L-Onor. Imhallef Anthony Ellul fit-trattazzjoni tas-Sentenza tieghu qal "Biex it-Tribunal jillikwida kumpens fit-termini tal-Artikolu 81 (2) bilfors irid ikun sema' provi fir-rigward tal-indikaturi li skond il-ligi t-Tribunal irid jiehu nkonsiderazzjoni meta jillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lill-impjegat. Hekk per ezempju m'hemmx provi dwar il-qligh li kellu mill-impieg, jekk wara li tkecca kienx sab xoghol iehor, u cirkostanzi rilevatni ohra. Dan ifisser li t-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jillikwida kumpens fit-termini tal-Artikolu 81 (2) u ghalhekk l-ammont ta' kumpens li gie likwidat ma kienx bil-mod kontemplat fil-ligi".**

**Fis-Sentenza tieghu, l-Onor. Imhallef Anthony Ellul iddecieda li "fic-cirkostanzi l-atti ser jintbaghatu lura lit-Tribunal sabiex jillikwida l-kumpens skond l-imsemmi provvediment, wara li jisma' l-provi li hemm bzonn".**

**Dan it-Tribunal Industrijali beda jisma' l-provi u dan wara diversi differimenti li saru peress li dan it-Tribunal Industrijali ma kienx funzjonabbli sakemm gie emendat l-Att ta' l-2002 Dwar l-Impiegi u R-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit minn Dr Jonathan De Maria u ghas-socjeta ntimata deher l-Avv. Andrew Borg Cardona.**

**Ir-rikorrent pprezenta diversi dokumenti biex jissostanzja t-talba tieghu ghal kumpens, fejn fid-dikjarazzjoni tieghu huwa ddikkjara li dam minghajr impjieg mis-6 ta' Settembru, 2011 sat-13 ta' Frar, 2012 fejn ddikkjara li kellu telf ta' €8,155.20**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu huwa ddikkjara wkoll, li minn meta beda l-impjieg mal-General Soft Drinks Co Ltd fit-13 ta' Frar, 2012 sa Dicembru, 2014 huwa ma kellux l-istess introjtu ta' dhul bhalma kellu meta kien impjegat mal-Kumpanija Nylon Knitting Limited u fid-differenza tal-paga huwa sofra telf ta' dhul li kien jammonta ghal € 11,646.44.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu ir-rikorrenti qal ukoll li bejn 9 ta' Jannar, 2012 sal-4 ta' Frar 2012 huwa kien jahdem part-time mal Lidl Malta Ltd. u minn dan l-impjieg kellu dhul ta' €513.67. Ir-rikorrenti ddikjara wkoll li mill-1 ta' Jannar, 2015 huwa kien issupera d-dhul li kellu minn mal-Kumpanija Nylon Knitting Limited. Ghaldaqstant, huwa sostna fid-dikjarazzjoni li ghamel, li totalment meta tnaqqas id-dhul li kellu mill-impjieg part-time huwa kien sofra danni ta' €19,287.97.**

**It-Tribunal Industrijali meta jibda biex jezamina l-formola ghal kumpens kif prezentata mir-rikorrent isib, li din il-formola timplika li r-rikorrent ghandu jkun ikkumpensat mhux biss ghaz-zmien li dam ma sab impjieg imma wkoll, li l-kumpens li ghandhu jkun intitolat ghalih ghandu jkopri anke meta sab impjieg b'paga anqas u jitlob lit-Tribunal Industrijali, li jibqa jkun ikkumpensat fid-differenza fil-paga sakemm, il-paga li kien qed jaqla fl'impieg il-gdid tissupera dik li kellu man-Nylon Knitting Limited.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-formola li qed japplika r-rikorrent ghal kumpens qed timplika wkoll, li m'ghandux ikun hemm limitu ghal kumpens ghar-raguni, li kieku r-rikorrent dam aktar snin ma sab impjieg jew dam aktar snin ma jissupera l-paga li kellu kien jibqa jippretendi li ghandu jigi kkumpensat.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina aktar fid-dettal din il-formola ghal kumpens isib ukoll, li din il-formola twassal ghal implikazzjonijiet ohra fosthom, li r-rikorrent qed jassumi li hu kellu xi garanzija ta' l-impjieg minghand min kien ihaddmu kif ukoll, li hu ta' garanzija li kien se jibqa fl'istess impieg ma min kien qed ihaddmu. Izda t-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li fir-realta tad-dinja tax-xoghol ma tezisti l-ebda garanzija ta' impieg. Dan ghar-raguni, li d-dinja tax-xoghol hi wahda dinamika u kompetittiva u jkun hemm cirkostanzi li jinbiddlu**

**kontinwament li jaffettwaw l-andament tal-kumpanija u ghaldaqstant min ihaddem ma jistgha jghati l-ebda garanzija ta' xoghol. Ma dan ukoll ta' min isemmi, li anke min jahdem jigifieri l-impjegat, qatt ma jistgha jghati garanzija lill min qed ihaddmu li se jibqa jahdem mieghu hajtu kollha fl'impjieg u dan ghar-ragunijiet varji fosthom, li l-istess impjegat jistgha jsib xoghol ahjar ghalih u li jkun aktar attrajenti, li mhux neccassarjament ghax ikollu paga ahjar, izda jistgha jkollu kondizzjonijiet tax-xoghol li jkunu ferm aktar favorevoli.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet li qed jghamel biex jigi ffissat il-kumpens huwa tal-fehma, li kieku kellu jadotta l-formola tat-talba kif pprezentata mir-rikorrent, dan it-Tribunal Industrijali jkollu mhux biss jiehu nkonsiderazzjoni d-differenza ta' nuqqas ta' dhul li r-rikorrent kellu fl-ewwel snin ta' l-impieg il-gdid izda wkoll dan it-Tribunal Industrijali jkollu jiehu nkonsiderazzjoni wkoll, li meta ssupera l-paga li kellu man-Nylon Knitting, kemm kien qed jaqla aktar paga mill-impjieg il-gdid, id-differenza tigi mnaqqsa mit-talba tar-rikorrent ghal kumpens. Ma dan it-Tribunal Industrijali jzied, li bl'istess argument tar-rikorrent li tezisti xi garanzija ta' impjieg, il-kakolu ta' paga li kien qed jaqla aktar fl'impjieg il-gdid jkollha tigi kkalkulata fuq il-hajja kollha tax-xoghol tar-rikorrent la darba qed jassumi li fix-xoghol hemm xi garanzija ta' impieg.**

**Ghaldaqstant, fil-kunsiderazzjonijiet tieghu biex dan it-Tribunal Industrijali jasal biex jiffissa kumpens ihares lejn il-provediment tal-ligi fejn jinghad li t-Tribunal Industrijali ghandu jikkunsidra d-danni reali li jkun sofra l-impjegat. Ghat-Tribunal Industrijali d-danni reali ma jfissirx li wiehed jara kemm dam zmien l-impjegat bla xoghol u sempliciment timmulplikah bil-paga li kellu biex tasal ghal somma ta' kumpens u dan m'ghandux ikun hekk ghar-raguni, li jistgha jghati l-kaz li l-impjegat ma jkunx ghamel hiltu biex isib xoghol, jibqa passiv u meta jsib xoghol ikun sab. Imma t-Tribunal Industrijali ghandu jara bil-potenzjal li jkollu l-haddiem ma l-opportunitajiet ta' xoghol li jkunu jezistu fil-pajjiz u jigi kkalkulat kemm l-impjegat jista jdum biex isib impjieg.**

**Ghaldaqstant, f'dan il-kuntest li t-Tribunal Industrijali qed issemmi hawn fuq u jirrelatah mal-kaz inkwestjoni jasal ghal-konkluzjoni, li mill-provi li tressqu quddiemu ir-rikorrent bil-hiliet tieghu u fic-cirkostanzi ta' l-ambjent ekonomiku li jezistu fil-pajjiz, iz-zmien ta' erba xhur li ha r-rikorrent biex isib xoghol alternattiv hu wiehed ragonevoli.**

**Ghaldaqstant, fil-waqt li ghall ragunijiet imsemmija dan it-Tribunal Industrijali ma jaccettax t-talba tar-rikorrent biex jibbenefika wkoll mid-differenza fil-paga li kellu bejn l-impjieg man Nylon Knitting sakemm dik il-paga giet is-superata mill-impjieg il-gdid, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li r-rikorrent ghandu jigi kkumpensat ta' kemm dam barra mill-impieg u jiffissa l-ammont ta' €8,155.20 (tmien t'elef**

**mija u hamsa u hamsin ewro u ghoxrin centezmu) u liema kumpens ghandu jithallas minn Nylon Knitting Limited (C 401) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Illum : 23 ta' Novembru, 2017**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**